Minuti tal-45 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 6 ta' Dicembru, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| Prezenti: | Membri: |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| Ufficjali: | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-44 laqgha.**

Il-Minuti tal-44 laqgha gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett. Emanuel Muscat qal illi ma rax il-Minuti. Is-Sindku talbu biex jekk ikun hemm xi haga jigbed l-attenzjoni waqt il-laqgha li jmiss.

**2. Offerti u kwotazzjonijiet.**

**2.1 Kwotazzjonijiet ghal dwal tal-Milied.**

2.2 Gew trattati z-zewg kwotazzjonijiet sottomessi minghand Joe Louis Caruana u Chris Gauci. Gie spjegat illi Joe Louis Caruana irtira milli jaghti s-servizz u ghalhekk il-Kunsill qabel li t-tizjin isir minn Chris Gauci ghall-ammont ta' €990.00.

**2.3 Offerta Eco-Cab u Eco-Truck/Van.**

2.4 Gie trattat ir-rapport ta' evalwazzjoni ppreparat minn Galea Curmi. Gie spjegat illi d-differenza bejn l-ispecifikazzjonijiet mitluba u l-offerta hija fl-ispeed tat-truck offrut fejn l-ispeed massimu huwa ta' 40 km/hr. Peress li l-Kunsill kellu ammont ta' €30,220 biex jintraw zewg vetturi, il-Kunsill qabel li jaghmel talba lil Eko Ghawdex biex il-flus disponibbli jigu utilizzat biex jinxtara l-Eco Truck li jiswa €24,591.20.

**2.5 Offerta M313-01 – Project Management and Technical Consultancy.**

**2.6** Gie spjegat illi giet sottomessa offerta wahda minn Joe Cordina f'isem Apex Co Ltd. Il-Kunsill qabel illi ghandu jinhatar il-bord ta' evalwazzjoni kompost

minn Dr Joshua Grech, Dr Josette Spiteri Cauchi u Paul Zahra biex jevalwa din l-offerta. Peress li kien hemm offerta wahda biss li kienet fil-limiti tal-budget il-Kunsill qabel li jekk din tinstab mill-bord li tilhaq il-kriterji mehtiega ghandha tigi *awarded*.

2.7 Dwar il-konsulenza teknika gie spjegat illi din il-parti tal-offerta giet irtirata mill-offerta M313-01 u ser ikun inkluz ammont fl-offerta tax-xogholijiet skond procedura stabbilita mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan peress illi kien ser ikun hemm riskju illi l-offerta tintrebah minn xi Perit differenti minn dak li ghamel il-pjanti u hareg il-permess tal-MEPA u l-Kunsill kien ser ikun involut fi spiza ta' circa €20,000, spiza relatata mal-persentagg dovut lill-Perit originali jekk ikun hemm *change of architect*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.8 Offerta M313-01 – *Construction and finishing of leisure park at Thomas Cassar Street.***

2.9 Gie spjegat illi hawnhekk gew sottomessi tlett offerti minghand Dominic & Patrick Refalo, Joseph Cassar u Gatt Tarmac Ltd. Gie spjegat illi l-offerti gew evalwati mill-bord kompost kif qabel imsemmi u qed jirrakkomandaw li l-offerta tinghata lil Dominic & Patrick Refalo ghall-prezz ta' €177,131.08 peress li din kienet l-irhas offerta li tilhaq il-kriterji mitluba. Il-budget ghal din l-offerta kien ta' €181,050.00 inkluz il-VAT. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord u ghalhekk ghandhom jigu publikati r-rizultati tal-offerta u sussegwentement iffirmat il-kuntratt ma Dominic & Patrick Refalo.

**2.10 M323-14 – Restawr ta' Shelter fi Pjazza Zjara tal-Madonna**

2.11 Gie spjegat illi hawnhekk giet sottomessa offerta wahda minghand Chris Gauci. Il-budget ghal din l-offerta huwa ta' €21624 inkluz il-VAT. Gie spjegat illi l-offerta giet evalwata mill-bord kompost kif qabel imsemmi u qed jirrakkomandaw li l-offerta tinghata lil Chris Gauci. Il-Kunsill qabel mar-rakomandazzjoni tal-bord. Peress li l-offerta kienet tinkludi zewg ghazliet il-Kunsill qabel li joqghod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u jaghzel l-irhas ghazla ghall-prezz ta' €20,649.70.

**2.12 Offerta 06-12 – Tindif u manutenzjoni Latrina Pubblika ta' Triq Trux**

2.13 Giet sottomessa offerta wahda minghand Ruben Camilleri ghan-nom tal-Kumitat Festa Vizitazzjoni ghall-prezz ta' €2330.00. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta ghandha tigi *awarded*.

**2.14 Offerta 05-12 – Tindif u manutenzjoni Latrina Pubblika ta' Triq Ta' Pinu.**

2.15 Giet sottomessa offerta wahda minghand Charlie Spiteri ghall-prezz ta' €3,500.00. Il-Kunsill innota li din l-offerta hija oghla mill-budget moghti stipulat li kien ta' €2330.00.

2.16 Hawnhekk giet diskussa korrispondenza minghand Bezzina & Cole il-Periti inkarigati mill-applikazzjoni PA3959/07 li permezz taghha ser isir progett ghar-riorganizzazzjoni u titjib fil-facilitajiet ghall-pellegrini u vizitaturi fil-Knisja ta' Pinu. Minhabba dan il-progett il-propjeta' devoluta lill-Kunsill fi Triq ta' Pinu u li tinkludi l-latrini ser tkun qed tigi relokata bi ftit metri fl-istess triq u ghalhekk mhux ser ikun hemm facilita' ta' latrini sakemm jitlesta il-progett. Is-Sindku spjega illi f'laqgha li kellu mar-rettur ta' Pinu Fr Gerard Buhagiar flimkien ma rapprezentant ta' Bezzina & Cole, dawn qed jitolbu lill-Kunsill jidhol ghas-spejjez tal-kostruzzjoni tal-premises il-godda tal-Kunsill. Is-Sindku spjega illi huwa talabhom jipprezentaw stima sabiex din tigi pprezentata lill-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill ma qabilx illi huwa ghandu jidhol ghal din l-ispiza minn fondi tieghu.

2.17 Il-Kunsill iddiskuta l-pjan ghall-amministrazzjoni tal-propjeta' devoluta wara li dan il-progett ikun lest u jkollu l-latrini godda kif ukoll il-coffee shop. Il-hsieb originali tal-Kunsill kien illi l-coffee shop jinkera. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' illi jsir ftehim holistiku fejn it-tmexxija tal-latrini tkun tista' tigi nkluza fil-ftehim mal-istess persuna li tikri l-coffee shop. F'dawn ic-cirkustanzi, u peress li huwa mistenni li l-progett jibda fi ftit xhur il-Kunsill qabel li m'ghandux jidhol f'kuntratt gdid ghat-tindif u manutenzjoni tal-latrini ta' Pinu, izda qabel li ghandu jitlob lill-kuntrattur prezenti, li huwa l-istess kuntrattur li tefa' l-offerta l-gdida jekk huwiex lest li l-kuntratt jigi estiz bi ftit xhur sakemm ikun ser jibda l-progett ta' riorganizzazzjoni u titjib, meta mbaghad huwa mistenni li s-servizz ikun sospiz.

2.18 Gie spjegat illi kif deciz fil-laqgha precedenti is-sejha ghall-offerti dwar mizuri ambjentali ta' energija alternattiva li jistghu jigu mplimentati gewwa l-lokalita' li nghatat l-isem '*Nourish Our Town*' giet ippublikata u tinsab fis-suq.

**2.19 Kwotazzjonijiet M323-16 u M323-17.**

2.20 Gew trattati l-kwotazzjonijiet sottomessi ghall-provvista ta' slabs tal-franka u ghat-tpoggija tas-slabs tal-franka ghall-pavimentar taz-zuntier fil-Knisja taz-Zejt u l-kappella ta' San Dimitri. Fir-rigward tal-provvista gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Louis Attard u Baron Contracts. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni ta' Louis Attard ghall-ammont ta' €7077.84 Vat inkluz. Fir-rigward tat-tpoggija gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Joe Theuma u Baron Contracts. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni ta' Joe Theuma ghall-ammont ta' €7076.50 Vat inkluz. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffirmat il-kuntratt maz-zewg kuntratturi rebbieha biex ikunu jistghu isiru x-xogholijiet. Raymond Cassar gibed l-attenzjoni sabiex iz-zuntier taz-Zejt jinghata plastik tajjeb. Dan is-suggeriment ser jigi mghoddi lill-konsulent tekniku tal-progett.

**3.0 u 4.0 Revizjoni Estimi Annwali 2012 u Rapport Annwali Amministrattiv.**

4.1 Is-Sindku spjega illi kif titlob il-ligi qed issir revizjoni tal-estimi finanzjarji 2012. Qed jigi finalizzat ukoll ir-rapport annwali amministrattiv. Gie spjegat illi dan qed isir ukoll bi thejjija ghall-estimi 2013 u l-pjan ta' hidma li zgur fl-aspett kapitali tieghu ghas-sentejn li jmiss irid ikun jirrifletti in-nefqa relatata mal-progett PPP u r-repayment fuq il-progett tac-Centru Civiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-fondi UIF. Is-Sindku spjega illi peress li l-xoghol tar-restawr tal-Pjazza kien finanzjat minn fondi EU minn Mizura 323 saret diskussjoni mas-sezzjoni tal-UIF biex il-fondi allokati minn dak il-fond li kienu approvati ghall-Pjazza jintuzaw ghal progetti ohra peress li ma jistax ikun hemm double funding. Min komunikat dwar dan mal-MEPA gejna infurmati li b'dizvista meta sar il-kuntrat kien hemm zball min naha tal-MEPA ghaliex il-Kunsill Gharb qat ma kellu allokati is-somma ta' €61,753.30 izda €30,000. Gie spjegat illi ghalhekk jinhtieg illi l-kuntratt ezistenti ghal €61,753.30 jigi rtirat u minflok isir kuntratt ghall-ammont ta' €30,000 u issa jekk il-Kunsill jaqbel ikunu utilizzati sabiex isir il-pavimentar fi Pjazza Gerano u l-bankini fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.0 **Skema ta' Mpjieg inklussiv fil-komunita'.**

5.1 Gie spjegat illi din hija skema ta' mpjieg ta' 3 snin imhallsa mill-Gvern skond kif elenket f'Memo 35/2012 mahruga mid-Dipartiment Gvern Lokali. Il-Kunsill ra il-lista' ta' kandidati kif mibghuta mill-ETC taht din l-iskema kif ukoll ic-CVs rispettivi. Il-Kunsill qabel li min jintghazel ghandu jkun jaghmel xoghol il-Kunsill kif ukoll ikun allokat xi hinijiet biex jaghti servizz komunitarju fl-Ecclesia Mater Museum, progett Eko-Ghawdex. Il-Kunsill ra li hafna mill-kandidati huma minn Malta jew lokalitajiet' imbeghda u ghalhekk jista' jkollhom problema ta' accessibilita'. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li minhabba ragunijiet ta' accessibilita' ghandu jintghazel l-uniku kandidat li huwa mil-lokalita' li huwa Sandro Cauchi ID 16385G.

6.0 **Attivitajiet tal-Milied 2012.**

6.1 L-attivitajiet gew diskussi fil-laqgha precedenti. Ghalhekk inghata *update* tal-attivitajiet. L-attivita' socjali tal-Kunsill giet stabbilita ghall-21 ta' Dicembru, 2012.

7.0 **Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett M323 –Gharb's Cultural and touristic conservation project. Gie spjegat illi x-xoghol fuq il-bridge fi Triq Sdieri huwa lest. Fil-kappella ta' San Dimitri x-xoghol huwa lest ukoll jonqos ix-xoghol taz-zuntier. Dwar il-kuntratt tal-hitan tas-sejjieh gie spjegat illi x-xoghol

ta' bini ta' hitan tas-sejjieh fi Triq San Dimitri kwazi lest. Il-Kunsill iddiskuta l-fazi li jmiss fejn gie deciz illi ghandhom jinbnew il-hitan minn naha ta' Triq Trux lejn il-kappella ta' San Dimitri. Il-Kunsill qabel illi ghandha titnaddaf il-parti ta' hdejn ir-rampa li tiehu lejn il-kappella ta' San Dimitri taht ir-razzett ta' Galea fuq iz-zewg nahat sabiex ikun hemm iktar spazju ghal parkegg. Ghandha tingibed l-attenzjoni tal-konsulent tekniku dwar dan. Dwar ir-restawr tal-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi x-xogholijiet qed joqorbu lejn l-eghluq. Il-Kunsill iddiskuta l-bokok tas-shelters li hemm fit-triq li twassal ghac-cimiterju fuq in-naha tax-xellug int u diehel Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel li possibilment ghandha titnaddaf il-parti esterjuri u jinghalqu bil-metal mesh. Dwar l-offerta tar-restawr tal-Knisja tal-Vizitazzjoni gie spjegat illi din taghlaq fit-28 ta' Dicembru, 2012. Il-Kunsill qabel li ghandu jinhatar l-istess bord li qed jevalwa l-offerti kurrenti kompost minn Dr Joshua Grech, Not. Josette Spiteri Cauchi u Paul Zahra sabiex jevalwa din l-offerta.

7.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-importanza illi jigu rrangati t-turgien li miz-zuntier jaghtu ghat-triq in-naha ta' Triq Virtu' biex jitnehha periklu b'mod partikolari ghall-anzjani. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' illi dan jista' jsir billi jigi rrangat it-tarmak b'tali mod illi jonqos l-oghli tat-targa li hemm bejn iz-zuntier u t-triq.

7.3 Saret diskussjoni dwar ix-xogholijiet fi Pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali b'mod partikolari dwar ir-rampa li trid issir fit-triq biex taghti access lil kulhadd ghac-Centru. Gie spjegat illi l-Perit qed jissuggerixxi illi r-rampa tkun wahda mhux fissa maghmula minn hadid jew stainless steel. Dan sabiex it-turgien ezistenti li huma ta' valur ma jintradmux u biex tkun tista' tizzarma f'certu okkazjonijiet bhal festa u ma tkunx ta' zgombru. Gie deciz li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet.

7.4 Is-Sindku spjega illi huwa prevvist li jibdew fi ftit gimghat ix-xogholijiet tal-Enemalta fi Triq il-Madonna tal-Virtu. Ir-rotta li ser tintuza' hija minn hdejn it-transformer fi Triq Birbuba lejn Virtu', Dun Alwig Mizzi, Felic Grech u mbaghad mill-passagg fl-eghlieqi lejn San Lawrenz. Gie spjegat illi x-xogholijiet ma jistghux jiddawwru peress li fi Frar il-Pjazza ta' San Lawrenz ser tkun maghluqa minhabba xogholijiet u din hija r-rotta alternattiva.

7.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tal-progett PPP fejn gie spjegat illi x-xoghol fi Triq Trux jinsab miexi u huwa prevvist li fi ftit jiem ikun qed jinghata il-*major patching* fil-parti ta' fuq tat-triq. Gie spjegat illi probabilment it-tarmak ser jinghata min naha tal-Wied 'il fuq f'kisja wahda, b'dik fil-parti t'isfel tkun aktar hoxna. Raymond Cassar spjega illi huwa ma jaqbilx illi t-triq tinghata kisja wahda biss. Is-Sindku spjega illi l-Perit qal illi peress li t-triq mhux ser titqaxxar mhux ser titlef is-sahha taghha. Gie spjegat illi l-pjan ghal din it-triq kien li tinghata t-tarmak fil-parti ta' isfel izda peress li Triq Tumas Cassar li wkoll kienet parti mill-PPP ser issir mill-Ministeru ghal Ghawdex Triq Trux ser tkun qed tinkesa kollha bit-tarmak sa wara l-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel ukoll illi t-tarmak fi

Triq Trux in-naha tal-Wied ghandu jasal sa hdejn il-bore hole u l-parti tal-Wied titranga bil-konkrit.

7.6 Gie spjegat illi l-major patching fi Triq Dun Alwig Mizzi sar min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex.

8.0 **Skeda ta' pagamenti.**

8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. B'zieda ma din l-iskeda il-Kunsill approva il-hlas ta' kontijiet relatati mal-progett M323 kif gej: Restawr ta' San Dimitri Joe Grima €15000, hitan tas-sejjieh Nicky Saliba €15000, Restawr taz-Zejt Baron Contracts Ltd. €15500.

9.0 **Korrispondenza u materji ohra.**

9.1 Gie innutat illi hemm zewg tabelli tal-mixja ta' Wied il-Mielah fejn il-perspex informattiva hija nieqsa. Ghandha ssir il-manutenzjoni mehtiega.

9.2 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi t-tikhil tal-muzew ta' Karmni Grima huwa krekjat. Peress li dan huwa l-istess kuntrattur li ghamel xoghol ta' restawr fil-Knisja taz-Zejt, il-Kunsill qabel li ghandha tingibed l-attenzjoni tal-konsulent tekniku sabiex jigi zgurat li dan ma jsehhx f'Taz-Zejt.

9.3 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:

9.4 Minghand Refalo and Associates ghan-nom ta' Anthony Camilleri in relazzjoni max-xogholijiet fi Triq il-Knisja fejn allegatament konsegwenza ta' tali xogholijiet l-ilma qed jaqleb ghal gol-fond ta' Camilleri. Gie spjegat illi l-Perit tal-Kunsill hejja rapport li ser jigi mghoddi lill-avukat tal-Kunsill biex jirrispondi din l-ittra. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.5 Minghand Gozo SPCA fir-rigward ta' klieb mitluqa fit-toroq u l-Avviz Legali relatat.

9.6 Mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' fir-rigward ta' l-okkazjoni Gimgha tal-Persuni B'Dizabilita'.

9.7 Minghand Dignity Quality Care fir-rigward ta' servizzi li joffru ghall-Anzjani.

9.8 Minghand Home Interior Decorations Blinds u prodotti ohra li huma joffru.

9.9 Mill-MEPA:-Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp no PA2822/12 u PA2805/12.

9.10 Minghand GREEN MT:- Gbir ta' skart ghar-reciklagg fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Il-Kunsill qabel li ser issir notifika lill-pubbliku. Tigdid tal-Kuntratt ghas-snin 2013 u 2014. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir it-tigdid.

9.11 Mill-Moviment Kerygma fir-rigward ta' Premju Zghazugh tas-Sena 2012.

9.12 Minghand Martin Farrugia fir-rigward ta' servizzi ta' konsultazzjoni ghall-applikazzjonijiet ta' Progetti Ewropej.

9.13 Gew trattati l-kwotazzjonijiet segwenti minghand Tac-Cima Woodworks ghal kaxxi ghall-platti u xkaffi ghal-librerija. Dwar xkaffi ghal-librerija il-Kunsill qabel li jsiru 5 xkaffi ghal €250 mill-allokazzjoni tal-librerija 2012. Il-Kunsill qabel ukoll mal-kwotazzjoni tal-kaxxi ghall-platti biex jingabru fihom il-platti komunitarji ghal €10 kull kaxxa. Peress li jinhtieg numru minn dawn il-kaxxi gie deciz li dawn isiru jekk jippermetti l-budget.

9.14 Minghand Gozo International Celebration fir-rigward ta' invit ghall-edizzjoni tal-Milied tal-Gozo International Celebration.

9.15 Minghand Friends of Australia Association – Gozo fir-rigward ta' Farewell Lunch organizzat mill-Fergha Ghawdxija ta' l-Assocjazzjoni Friends of Australia (F.O.A.A.G.)

9.16 Mid-Direttorat ghall-Promozzjoni tas-Sahha u Prevenzjoni tal-Mard fir-rigward ta' World AIDS Day.

9.17 Minn The Malta Experience fir-rigward ta' attrazzjonijiet li huma joffru.

9.18 Is-Sindku ppropona illi ghandha ssir tabella tal-EDEN fid-dahla tal-Gharb fi Triq l-Gharb. Il-Kunsill qabel li jintalbu l-kwotazzjonijiet mehtiega.

9.19 Carmen Vella issuggeriet li jsir speed limit fi Triq l-Gharb minhabba problema ta' sewqan eccessiv.

9.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sar invit lill-Kunsill biex ikun prezenti ghall-prezentazzjoni tal-iskema tar-restawr progetti zghar. Gie spjegat illi x'aktarx il-Kunsill ser jinghata fondi biex isiru t-telephone boxes l-antiki.

9.21 Saret diskussjoni dwar il-bus shelters fejn gie spjegat illi fuq bazi centrali hemm problema mal-kuntrattur li kien jipprovdi dawn is-shelters u ghalhekk is-servizz huwa sospiz.

9.22 Il-laqgha spiccat hin 6.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv